# Il-Karozzi tal-Linja Valletta - Siġġiewi



Kitba ta' Louis Curmi

F'din il-pubblikazzjoni tal-Każin Banda San Nikola Siġġiewi ser inkompli nagħti xi tagħrif dwar sidien Siġġiewin ta' xarabanks li kienu jaħdmu bejn il-Belt Valletta u s-Siġġiewi.

Din l-informazzjoni hija wkoll bi tkomplija tal-ewwel artiklu li kien deher fil-ktejjeb tal-festa tal-2007 bl-istess suġġett.

Charles Bonnici, magħruf bħala *ċ-Ċali*, meta kien żagħżugħ, fl-1919, kien emigra lejn l-Istati Uniti tal-Amerika. Ħadem bhala *electrician* mad-ditta *Ford* għal tlettax-il sena f'Detroit, fl-istat ta' Michigan. Dan fi żmien meta l-emigrazzjoni minn Malta lejn l-Amerika kienet fl-aqwa tagħha u l-komunità Maltija f'Detroit kienet mal-ħamsin elf ruħ.

Lura f'Malta fl-1932, *iċ-Ċali* sar sid ta' xarabank *Reo Speed Wagon* bin-numru 3306. Kienet tesa' 23 passiġġier bilqiegħda.



Reo Speed Wagon

Dan il-mudell kellu dħul u ħruġ mill-istes naħa u kien ta' periklu f'każ ta' emerġenza.

Meta *Iċ-Ċali* kien ikun xogħol fil-Ħdud u jkollu ftit ħin ta' mistrieħ, wara d-disgħa ta' filgħodu, sakemm isir il-ħin ta' vjaġġ ieħor kien jipparkja x-xarabank *Reo* fil-ġenb tal-knisja, faċċata tal-ispiżerija fi Triq il-Parroċċa.

Dejjem pulit, jilbes il-ġlekk, li kien ikun imdendel fil-kabina tax-xufier u jattendi l-Azzjoni Kattolika li tagħha kien membru. Kien bniedem edukat fl-imġieba tiegħu. Fil-ħamsinijiet beda jagħdem b'xarabank *Dodge* numru 3306. Dan kien ta' 32 passiġġier.



Id-Dodge 3306 fil-venda ta' Kastilja

In-numru 88 fuq il-ħġieġa ta' quddiem jindika Rotta Żebbuġ, fi żmien li tal-linja kienu

jaħdmu rotot differenti, skont l-istruzzjonijiet li jingħataw.

Fl-istess żmien li kien bix-xarabank, kellu ħanut fi Triq Santa Margerita fejn fost affarijiet oħra, kien ibiegħ u jsewwi wkoll apparat li jaħdem bis-sistema elettrika bħal ħdejjed tal-mgħodija. Dan kien jagħmlu għax kien jaf juża strument li jeżamina l-kundizzjonijiet tal-apparat qabel u wara li jissewwa.




Kien hemm żmien fejn ix-xarabank 3306 kien isuqha Nikola Callus imlaqqam l-Appostlu, li wara xtara nofsu.

Id-*Dodge* ġie skrappjat u mitluq f'għalqa fuq id-*Dingli Cliffs*. In-numru 3306 ġie użat fuq xarabank *Thames* li qabel kien *private* bin-numru 4180. Dan ukoll ġie mitluq fl-istess post fejn it-tnejn kienu wara xulxin sakemm tneħħew.

Karozza tal-linja fuq l-istess rotta msemmija hija l-*Federal 2308* li kienet tal-familja Tonna (Taz-Zliz) u wara nxtrat mill-familja Callus taċ-Ċafin, l-aħwa Ġużeppi u Nikola.

Din il-*Federal* kienet tkun misjuqa l-aktar minn Nikola. Minħabba li kien żmien meta s-sidien kienu jaħdmu għal rashom, kienet teżisti pika bejn tas-Siġġiewi u ta' Ħaż-Żebbuġ meta jiltaqgħu l-karozzi tal-linja, f'tellieqa b'min se jasal l-ewwel biex itella' l-passiġġieri li jkunu fuq l-i*stage*. Mhux l-ewwel darba li ġew imħarrka mill-pulizija tat-traffiku għax kien ikollhom aktar minn tmien persuni bilwieqfa.




## Esperjenza Personali

Fis-sena 1948, ta' 16-il sena, kont student fl-iskola tad-*Dockyard*. Ġurnata fost l-oħrajn, fit-tmienja ta' filgħodu, kont passiġġier fuq il-*Federal* misjuqa minn Nikola. Mat-telgħa i tagħti għall-Ħamrun saret pika bejn l-imsemmija *Federal* u *Reo Speed Wagon*, li fuq il-bonit kellha l-isem *St. Julian* tal-linja Żebbuġ. F'nofs it-telgħa, iż-żewġ xarabanks ħabtu ġenb ma' ġenb, u jiena kont fuq wara, in-naħa tal-ħabta. Ħadd ma weġġa' mill-passiġġieri taż-żewġ xarabanks. Imma b'xokk kbir rajna xbejba korruta bejn il-ħajt u l-ġenb tax-xarabank Żebbuġ. Din kienet tiela' bil-mixi b'żewġt iqfief fjuri biex tbigħhom il-Ħamrun. Għalkemm kellha pjanċa safra mdawra magħha, b'miraklu baqgħet ħajja għax ma korritx gravi.

Fl-istess żmien li kont xhud f'dan l-inċident, kien qed jinbena d-*Dodge 2308* li jidher fir-ritratt ħdejn is-*Central Bar* tal-Patri. Jidher ukoll ix-xufier Nikola. Filwaqt li l-*Federal* kienet ta' 24 passiġġier, id-*Dodge* kien ta' 32.

L-aħħar xufier li saq id-*Dodge* 2308 kien Leli Callus, iben Ġużeppi, għal madwar 20 sena. Għalkemm m'għandix informazzjoni kif spiċċa, ix-xarabank probabbli nbiegħ u wara perjodu ta' xogħol tkisser.



## Xarabank *Dodge 3350*

Din ix-xarabank kienet taħdem fuq ir-rotta Valletta-Żebbuġ bil-kulur isfar fi żmien li r-rotot kienu b'kuluri differenti.

Kienet drawwa li jagħtu isem fuq il-bonnet u dan ix-xarabank ġie msemmi *Dillinger*. Kien jesa' 32 passiġġier. Id-*Dodge 3350* inxtara minn żewġ aħwa, Ġużeppi u Ninu Callus, u beda jaħdem fuq ir-rotta Valletta-Siġġiewi, kif jidher fir-ritratt bil-kuluri isfar u faxx aħmar.

Għalkemm ġieli kien ikun misjuq minn ħuhom Nikola, l-aktar li kien isuqu kien Ġużeppi magħruf bħala l-Beżież. Ġużeppi kien ċajtier u jaf ikompli tkun xi tkun is-sitwazzjoni, speċjalment bl-għajta "Ejja Beżież ħa naslu!".

Dan minħabba li kien isuq b'sewqan moderat, kultant naqra ż-żejjed.



Imma b'daħka tipikament tiegħu u bil-kalma kien jilqa' din is-sitwazzjoni billi jkompli mal-passiġġieri. Kellu natural sabiħ. Dan ix-xarabank kien komdu għall-passiġġieri, bl-aktar post ideali u aktar komdu kienu t-tnejn ta' qabel tal-aħħar, wieħed lemin u l-ieħor xellug.

Ġużeppi għamel żmien qabel ix-xarabank isuq trakk *Dodge* (differenti minn tal-linja) bħal dan li jidher fir-ritratt.

Dan kien iġorr il-knatan mill-barriera għal xogħol ta' bini.

Kien iħobb il-futbol u partitarju tal-Belt u kien imur l-*Empire Stadium*, l-aktar għal xi logħba importanti.

Kien bniedem soċjali u ħabib kbir tat-Tabib Kalċidon Zammit. Qatt ma tiddejjaq tkun fil-kumpanija tiegħu.

## Karozzi tal-Linja Proprjetà tal-Familja Tona (Taz-Zliz)

Ix-xarabanks bin-numru 2308 li kien jaħdem fuq ir-rotta tas-Siġġiewi, 2220 Rotta Żebbuġ u 1942 Rotta Sliema kollha kienu proprjetà tal-familja Tonna.

Il-*Federal 2308* kienet inxtrat qabel mill-familja Callus taċ-Ċafien Ġużeppi Tonna kien

isuq il-*Federal* sa ma beda jsuqu ibnu. Meta dan inbiegħ il-familja Tonna xtraw il-*Maple Leaf 2220*, li x'aktarx kellu magna *Diamond*. Dan kien jaħdem fuq ir-rotta Żebbuġ, bil-kulur isfar.



Maple Leaf – Ninu Tonna jippoża quddiem ix-xarabank 2220

Meta nbiegħ il-*Maple Leaf*, il-familja Tonna saru sidien ġodda tal-1942, li kien xarabank *Ford Thames* u kien jaħdem fuq ir-rotta Tas-Sliema.

Is-sena 1942, l-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, kienet sena meta Malta soffriet bosta attakki mill-ajru. Meta miet Ninu, il-*Ford Thames* instaq għal madwar ħmistax-il sena mit-tifel tiegħu Ġużeppi.

Meta spiċċa mis-servizz dan il-*Ford* spiċċa mkisser ġo għalqa Ħal Luqa. Wara dan Ġużeppi beda jaħdem bil-*mini bus* u wara tnax-il sena dan inbiegħ ukoll.

Niftakar tajjeb li fil-familja Tonna kien hemm Dun Karm Tonna li kien jieħu ħsieb l-indafa u l-manutenzjoni tax-xarabank *Thames*.

Nixtieq nirringrazzja lill-familjari tal-personaġġi li semmejt tal-informazzjoni li għaddewli.

**Nota:**
Il-paragrafu fejn tissemma l-Istati Uniti u fejn jissemma Nikola Callus hija informazzjoni mgħotija mis-Sur Leonard Callus u l-mara tiegħu li hija t-tifla tal-imsemmi Charles Bonnici.



It-Thames 1942